MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Rikors Numru. 631/2012

**ab**

**-vs-**

**cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa izzewweg lill-intimata cd nee` x fil-knisja tal-Immakulata Kuncizzjoni fil-Hamrun nhar il-hdax (11) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) – Certifikat taz-Zwieg hawn anness (Dokument 'A')'

Illi l-partijiet kienu xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali

ppublikat fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) minn Nutar William Azzopardi skont kopja hawn annessa u mmarkata Dokument B ;

Illi l-partijiet kellhom tifel wiehed li jismu sb li twieled fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elf disa` mija u erbgha u disghin (1994) li llum huwa maggorenni u meta kien minorenni il-kura u l-kustodja tat-tifel kienet regolata fil-premessi tnejn (2) u tlieta (3) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Dokument 'B' surreferit;

Illi l-possibilita` ta' rikonciljazzjoni tar-rikorrent ma' martu llum hija impossibbli ghal bosta ragunijiet fosthom li martu issa ilha tabita fl-Ingilterra, specifikament f'Numru 71, Wilkins Road, Brown Hills, West Midlands, Renju Unit ghal dawn l-ahhar snin – fil-fatt l-avukat tal-esponent ikkomunika mal-intimata bit-telefon sabiex jinfurma lill-intimata dwar dawn il-proceduri izda ma reditx tikkoopera bl-ebda mod;

Illi l-esponenti kienu iddekadew mid-dritt li jitolbu il-manteniment lil xulxin skont il-premessa numru hamsa (5) tal-kuntratt ta' sesparazzjoni personali surreferit;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal bosta snin, b'mod li r-rekwiziti tal-Artikolu 66(B)(a) tal-Kodici Civili (Kapitolu XVI tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, stante li ilhom separati 'de facto' mill-inqas hmistax (15) –il sena u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghax-xoljiment taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' cd huwa mahlul u li ghal dan il-ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien stabbilit minnha javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorzju ikun jista` jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dokument 'A'.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati; li in forza taghha huma eccepew :

1. Illi l-esponenti f'dan l-istadju mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw ir-Risposta ulterjuri taghhom meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw ma l-assenti minnhom rapprezentat;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2013;

Semghet lir-rikorrenti jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ipprubblikat fit-3 ta' Lulju 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata u illi iben il-partijiet jirrisjedi mar-rikorrenti illi xehed bil-gurament tieghu huwa dispost illi jkompli imantnih sa kemm jaghlaq l-eta ta' 23 sena jekk dan jaghzel illi jibqa jistudja;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------